

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 661/2012

tad-19 ta' Lulju 2012

**li jikkoreġi l-verżjoni Slovema tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 113(1)(a) u 121(h), flim-kien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjoni tal-lingwa Slovema tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91 kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 61/2011<sup>(2)</sup> fiha żball, jiġifieri fil-punt 4.2 tal-Anness XX, il-kelmiet "il-purità trid tiġi čeċekkja" huma żbaljati. Għaldaqstant jeħtieġ li ssir korrezzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Slovema. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91 għandu jiġi kkoreġut skont dan.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Jikkonċerna biss il-verżjoni bil-lingwa Slovema.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjh fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 23, 27.1.2011, p. 1.